MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2835/2002

**Raymond Demicoli**

**Vs**

**Michael Gialanze**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Novembru 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut jhallas l-ammont ta' Lm224.25 (mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti ta' prezz ta' servizzi professjonali.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
Rapprezentanti ta' prezz ta' servizzi professjonali provduti mill-attur fuq istruzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet tal-attur ghadhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi l-konvenut qatt ma inkariga lill-attur sabiex jipprovdielu ebda servizzi u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Illi l-attur kien biss il-perit tas-socjeta' Spinola Development Co. Ltd., li maghha l-konvenut kien qieghed jaghmel diskussjonijiet dwar il-possibilita' ta' proposta ghall-business, u kien fit-tali kapacita' illi d-digriet tal-imsemmija socjeta' kienu qalu lill-konvenut sabiex jikkominika mal-attur sabiex jkun jista' jigi stabbilit jekk il-progett relattiv kienx fattibli ghall-konvenut u ghalhekk ma hemm l-ebda relazzjoni guridika ta' servizz bejn l-attur u l-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema' ix-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-kawza si tratta ghal pagament ta' allegati drittijiet professjonali ghal servizzi rezi. Il-konvenut jallega li l-attur kien qed jagixxi f'isem is-sidien tal-fond li kien interessat fih sabiex jadibieh bhala 'Supermarket'. Kien l-istess propretarju li baghat il-konvenut ghand l-attur, billi kien il-perit supervegendi tal-progett ta' Portomaso. In-nogozju ma sehhx.

Illi ma tidhirx cara l-allegazzjoni li suppost kienet esistenti bejn il-kontendenti. Marie Tabone, li suppost kienet persuna indipendenti li setghet titfa dawl fuq il-meritu, baqhet ma gietx prodotta biex taghti x-xhieda taghha.

Illi l-oneru tal-prova tisgombri fuq dak min qed jallega, ossia l-attur. Huwa jrid jipprova l-pretensjoni tieghu lilhu dovuta mill-konvenut. Il-konvenut jista ma jirreagix pero' dan ma jkunx fl-interess tieghu.

Fil-fehma tat-Tribunal, l-attur ma rnexxilhux jipprova dik ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet li minnha tiskatta d-dritt u dover reciproku.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------